

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Diċembru 2012 —  
Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-167/10) <sup>(1)</sup>

“*Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Talbiet għal kwotazzjoni — Rifjut ta' aċċess — Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Punt ta' tluq — Ammissibbiltà — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-politika ekonomika tal-Unjoni Ewropea — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interess pubbliku rigward is-sikurezza pubblika — Obbligu ta' motivazzjoni*”

(2013/C 26/75)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukat) i

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Manhaeve u C. ten Dam, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2010 li tirrifjuta l-aċċess għat-talbiet għal kwotazzjoni rigward il-lott 3 A tas-sejħa għal offerti DIGIT/PO/2005/113 — ESP-DESIS (ĠU 2005/S 252-248566) u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2010 li tirrifjuta l-aċċess għat-talbiet ta' kwotazzjoni għall-lottijiet l-oħra kollha tas-sejħa għal offerti iċċitata iktar 'il fuq, għal-lottijiet kollha tas-sejħa għal offerti DI/0005 ESP (ĠU 2001/S 53-036539) u ADMIN/DI/2/PO/2003/192 ESP-DIMA (ĠU 2003/S 249-221337) u għall-kuntratt qafas BUDG/0101.

**Dispożittiv**

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-27 ta' Jannar 2010 li tirrifjuta l-aċċess għat-talbiet għal kwotazzjoni rigward il-lott 3 A tas-sejħa għal offerti DIGIT/PO/2005/113 — ESP-DESIS hija annullata.*
- (2) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2010 li tirrifjuta l-aċċess għat-talbiet għal kwotazzjoni rigward il-lottijiet l-oħra kollha tas-sejħa għal offerti iċċitata iktar 'il fuq, għal-lottijiet kollha tas-sejħa għal offerti DI/0005 ESP u ADMIN/DI/2/PO/2003/192 ESP-DIMA u għall-kuntratt qafas BUDG/0101 hija annullata.*
- (3) *Il-Kummissjoni għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 19.6.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Diċembru 2012 —  
Füller-Tomlinson vs Il-Parlament**

(Kawża T-390/10 P) <sup>(1)</sup>

“*Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Sigurtà soċjali — Mard ikkaġunat mix-xogħol — Iffissar tar-rata ta'invalidità kkaġunata mix-xogħol — Applikazzjoni tal-iskala Ewropea ta' evalwazzjoni għal finijiet mediċi ta' ħsara għas-saħħa fiżika u mentali — Żnaturament tal-fatti — Terminu raġonevoli*”

(2013/C 26/76)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Paulette Füller-Tomlinson (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Appellat: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: K. Zejdová u S. Seyr, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tal-1 ta' Lulju 2010, Füller-Tomlinson vs Il-Parlament (F-97/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u bil-għan tal-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *Paulette Füller-Tomlinson għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-kawża preżenti.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 301, 6.11.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2012 —  
Adamowski vs UASI — Fagumit (FAGUMIT)**

(Kawżi magħquda T-537/10 u T-538/10) <sup>(1)</sup>

“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade marks Komunitarji verbali Fagumit u figurattiva FAGUMIT — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti FAGUMIT — Raġuni relattiva ta' invalidità — Artikolu 8(3) u Artikolu 165(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”

(2013/C 26/77)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ursula Adamowski (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. von Schultz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)